MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 373/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**Ludgardo sive Richard Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 578145(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

F'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu bejn Jannar 2006 u Lulju 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-

atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falzifikat;

Kif ukoll talli fl-stess perjodu, lok u cirkostanzi, ikkorrompa lil Danilo Bezzina, skrivan impjegat ma' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta (ADT) u minhabba dan, Danilo Bezzina naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenzi ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-dannu ta` l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta (ADT).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2012, li biha, wara li rat l-aritkoli 18, 183, 184, 188, 189, 115(c), 120, 308, 309, 17, 31, 533, u fuq ammissjoni tal-appellant stess il-Qorti sabitu hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn fejn il-Qorti ordnat li dan il-perjodu ta' sentejn ma jibdiex isehh sakemm fi zmien erbgha (4) snin l-appellant ma jinstabx hati ta' reat iehor li ghalih hemm piena ta' karcerazzjoni a tenur tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur tal-artikolu 115 u kif jitlob l-artikolu 119 giet applikata l-artikolu 120 illi permezz tieghu l-Qorti imponiet interdizzjoni generali perpetwa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata billi tiddikjara l-istess bhala nulla u okkorrendo jidhrilha l-kaz tirrimandi l-atti lura ghal quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-provi jergghu jinstemghu mill-gdid skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi in vena guridika jinghad li s-sentenza hija nulla stante li l-akkuzat ma giex mitlub sabiex jissana l-atti u jezenta lill-Qorti mill-bzonn li terga' tisma' l-provi mill-gdid peress li tbiddel il-Magistrat.

Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jaghmel ampja referenza fost l-ohrajn, Il-Pulizija vs Massimo Aufieri deciza fl-1 ta' Luiju 1998, Il-Pulizija vs Mehemmed Ezzawi deciza fis-16 ta' Frar 1956, The Police vs Charles Ducker deciza fid-19 ta' Mejju 1997, Il-Pulizija vs Leone Dimech deciza fit-8 ta' Jannar 1999 kollha mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

Illi din il-Qorti dejjem sostniet li meta l-Ewwel Qorti tkun semghet ix-xhieda hi tkun ghexet il-process, rat u kkontrollat ix-xhieda u tkun semghet hi viva voce u ghalhekk tkun f'pozizzjoni ferm aktar vantagguza minn qrati ohra sabiex tifhem u tapprezza sewwa l-provi u c-cirkostanzi kollha relevanti ghall-kaz.

Illi fis-sentenzi mghotija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fosthom il-Pulizija vs Joseph Bartolo deciza fid-9 ta' Settembru 1999, u Il-Pulizija vs Helga D'Alessandro,

Ommissis, il-Qorti affermat dan il-punt u fl-ahhar sentenza fuq citat il-Qorti ddecidiet is-segwenti: -
*"Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Prim Istanza kienet obbligata li tisma' fil-Qorti viva voce (artiklu 646(1) tal-Kap 9) ix-xhieda imressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll in difeza. Dan isir sabiex il-gudikant, f'dan il-kaz, il-Magistrat, li jippronunzja s-sentenza jaghmel valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-artiklu 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali u billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrizultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno ta' l-imputat. Wiehed mill-aktar kriterji importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar x jemmen jew x 'ma jemminx minn dak li jghid xhud, hu dak ta' l-imgieba kondotta u karattru tax-xhud (artiklu 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda). Biex dan il-kriterju ikun jista' jigi applikat huwa evidenti li l-Magistrat ghandu jisma' b 'widnejh u jara b 'ghajnejh lix-xhud jiddeponi.*

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat ukoll in-Nota ta' Referenzi ppreżentata mill-abbli Difensur fl-10 ta' Ġunju 2013.

Rat ukoll id-digriet tagħha tat-8 ta' Lulju 2013 li bih ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex terġa' ssir trattazzjoni oħra.

Illi l-qofol ta' dan l-appell huwa li s-sentenza hija nulla 'stante li l-akkużat ma ġiex mitlub sabiex jissana l-atti u jeżenta lill-Qorti mill-bżonn li terġa' tisma' l-provi mill-ġdid peress li nbidel il-Maġistrat.'

Ikkonsidrat

Il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża li bdiet tinstema' fit-18 ta' Ġunju 2008 u spiċċa bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fis-6 ta' Lulju, 2012.

Jirriżulta mill-proċess li l-atti ġew kollha kompilati u xehdu dawn il-persuni għall-Prosekuzzjoni:

(1) L-Ispettur Angelo Gafa' (fol 10 et seq) li ippreżenta stqarrijiet magħmula minn Richard Attard fit-3 t'Ottubru, 2006 (15.50), 3 t'Ottubru 2006 (18.21), 4 t'Ottubru 2006 (14.32),10 t'Ottubru, 2006 (12.30)(fejn l-imputat qal li kien hu stess li daħħal iċ-ċertifikat tat-teorija ta' Matthew Attard fl-ADT) (fol 26), 17 t'Otubru 2006 (16.48) u 18 t'Ottubru 2006 (15.45). F'din l-istqarrija l-imputat kien qal li huwa kien bagħat persuna li ma setgħetx tgħaddi mit-test tat-teorija għand Salvu ta' Swallow Garage. Din il-persuna kienet ġabet iċ-ċertifikat minn għand Salvu ta' Swallow Garage u l-imputat kien ħa ħsieb jippreżentah. Huwa kien ippreżenta wkoll ċertifikati ta' persuni oħrajn. Żied jgħid li l-uffiċjali tal-ADT ma kinux jafu li ċ-ċertifikati kien foloz. Meta huwa kien jagħti xi flus, dan kien jagħmlu għaliex il-persuna tkun qdietu u għalxejn aktar. Fl-aħħar tal-istqarrija l-imputat qal li kien iddispjaċih għal dak li għamel minħabba li huwa kien 'għamel żball kbir'. (fol 30). L-Uffiċjal prosekutur ippreżenta wkoll iċ-ċertifikati tad-'Driving Theory Test' ta' Vella Matthew, John Paul Chetcuti, Christian Mallia u Fiona Cassar (fol 31 et seq). Dawn iċ-ċertifikati kollha juru li l-erba' kandidati kienu għaddew mit-test tat-Teorija.[1] A fol 245 tal-proċess l-Ispettur Gafa' ippreżenta l-istqarrija li kienet għamlet Larissa Abela fis-27 t'Ottubru 2006.

(2) Brian Farrugia bħala Legal Officer fil-Licensing u Testing Directorate (fol 38) li qal l-imputat kellu liċenzja għal Motoring School li kienet ilha għandu mill-1989. Ċertu Matthew Vella kien ġab il-kategorija B fis-17 ta' Lulju 2006 wara li kien tela' mar-Rixu Motoring School, Christian Mallia kien ġab il-kategorija B fit-23 t'Ottubru, 2007 li kien tela' mal-istess motoring School, John Paul Chetcuti kien ġab il-liċenzja tal-kategorija B fl-14 ta' Settembru 2006 wara li tela' mar-Rixu Motoring School u Fiona Cassar ġabet il-liċenzja tal-Kategorija B wara li telgħet mal-motoring school tal-imputat. Ix-xhud ta' dettalji dwar persuni oħra li ħadu l-liċenzja wara li telgħu ma' Rixu Motoring School (Aaron Agius u Clint Cassar). Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti (fol 42 sa fol 70).

---

[1] Dawn reġgħu ġew esibiti a fol 344 et.

(3) Marica Mifsud (fol 79 et) li ippreżentat kopji ta' sentenzi mogħtija fil-konfront ta' Jean Paul Chetcuti, Christian Mallia u Leonard Gravina. (Ara fol 83 sa fol 128). Reġgħet xehdet a fol 143 et u esibiet kopji tas-sentenzi kontra Christian Mallia, Clint Cassar, Matthew Vella u Aaron Agius (fol 114 sa 224).

(4) Christian Mallia (fol 225) li qal li ċ-ċertifikat t-test għadda minn għand Salvu tas-Swallow Garage għal għand l-imputat. Ix-xhud qal li t-test tat-teorija qatt ma kien għamlu. Lill-imputat kien tah biss flus bħala ħlas għal-lezzjonijiet. (fol 228).

(5) Jean Paul Chetcuti (fol 230) li qal li kien weħel darbtejn mill-eżami tat-teorija. Imbagħad l-imputat kien bagħtu għand Salvu tal-iSwallow biex 'inti ma tmurx għalih dan it-test u jkollok riżultat tajjeb.'[2] Iċ-ċertifikat kien tah lill-imputat. Lil Salvu tal-iSwallow kien tah Lm50. (fol 237).

(6) Clint Buttigieg (fol 254- 8 t'Ottubru 2009) li qal li huwa kien għarraf lill-imputat li huwa (ix-xhud) ma kienx jaf jikteb u jaqra. Huwa kien ta xi flus lill-imputat li qallu biex iħalli f'idejh. (fol 256). Wara ngħata s-sentenza tas-sewqan. Huwa ma kienx jaf kif l-imputat kien irranġalu għat-test tat-teorija.

(7) Leonard Gravina (fol 260) li qal li kien mar għand persuna sabiex jagħmillu ċertifikat falz. Huwa ma kienx għamel l-eżami tat-teorija. Kien mar ifittex lil Salvu tas-sSwallows garage minn jheddu (fol 262) iżda l-imputat kien qallu li 'it-tali bniedem qed iġib dawn l-affarijiet.' Ix-xhud qal li kien ta xi flus lil Salvu tas-Swallows (fol 263) u dan tah ċertifikat tat-teorija tad-drving test bħala 'Pass'. Ix-xhud imbagħad ta dan iċ-ċertifikat lill-imputat.

(8) Wayne Muscat (fol 266) li qal li kien informa lill-imputat li xtaq jagħmel it-test tas-sewqan malajr għax kien sab xogħol bħala deliveryman u kellu bżonn liċenzja tas-sewqan malajr. L-imputat kien talbu anqas minn Lm100.

---

[2] Ara fol 232, l-aħħar vers, kliem il-Qorti stess liema kliem kien riaffermat mix-xhud a fol 233 fl-ewwel vers.

L-imputat kien urieh iċ-ċertifikat tat-teorija b'pass minkejja li x-xhud qatt ma kien tela' għat-test. (fol 268). Iċ-ċertifikat kien tahulu l-imputat. Huwa qatt ma kien sema' bis-Swallow Garage.

(9) Saviour Abela (fol 277 fit-12 ta' Novembru 2009). Dan ix-xhud qal li huwa instructor ta' motoring school u li kienu għamlu xi sitt ċertifikati. Kienu ngħataw lill-persuni mingħajr ma dawn tal-aħħar kienu għamlu l-eżami tat-teorija. Iċ-ċertifikati kienu saru mit-tifla bil-computer. L-imputat kien ġieli bagħatlu xi persuni biex jitgħallmu t-teorija u jagħtihom iċ-ċertifikat. Il-Qorti hawn iċċarat il-punt billi qalet hekk:

'Kien hemm aljevi li bagħatlek ir-Rixu ħalli inti tiffalsifika ċ-ċertifikat tal-liċenzja tas-sewqan.'

L-imputat kien jgħidlu li għandu xi nes li ser jibgħathom għaċ-ċertifikat. Ġieli baħgat in-nies jiġbru ċ-ċertifikati minn għandu u ġieli x-xhud ta dawn iċ-ċertifikati direttament lill-imputat.

A fol 288 tal-proċess hemm irreġistrata twiddiba tal-Qorti lix-xhud lid an tal-aħħar qiegħed bil-ġurament u li ried jgħid il-verita'.

Il-Qorti ahwn għamlet għadd ta' mistoqsijiet biex toħroġ il-verita' minn dan ix-xhud- jiġifieri li kien qed joħroġ ċertifikati foloz lil diversi persuni li ma jkunux għaddew mill-eżami tat-teorija. Barra minn hekk, wara mistoqsija mill-Qorti, huwa qal li l-imputat kien qed jibgħatlu aljevi sabiex jagħmlilhom ċertifikati foloz.

(10) Larissa Abela,[3] bint Saviour Abela, li qalet li qatt ma kienet iltaqgħet mal-imputat. Hija qalet li l-firma kienet skenjata minn fuq waħda oriġinali. (Ara wkoll it-tieni xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa' a fol 245 fejnn huwa esibixxa l-istqarrija li kienet għamlet Larissa Abela fis-27 t'Ottubru 2006).(fol 297).

---

[3] Fil-verbal tat-12 ta' Novembru 2009 (fol 274) l-Ispettur Angelo Farrugia iddikjara lil din ix-xhud bħala waħda ostili wara li qabbel dak li kienet qed tgħid waqt ix-xhieda tagħha ma' dak li qalet fl-istqarrija.

Meta reġgħet kompliet tixhed hija qablet ma mistoqsija statemtn magħmula mill-Qorti li kienu ttieħdu passi kriminali kontra x-xhud minħabba ċertifikati foloz tas-sewqan. Hawnhekk hija ntweriet iċ-ċertifikati u qalet li dawn iċ-ċertifikati kienet taħgmilhom bil-computer. Hija qalet li l-imputat ma kienx għamel ċertifikati foloz. Missierha ma keinx qalilha jekk iċ-ċertifikati ridhomx għal studneti tiegħu biss jew jekk hux ukoll għal studneti ta' ħadd ieħor. Hawnhekk inqrathilha l-istqarrija li kienet għamlet hi (fol 303 sa 305).

(11) Xehed Stephen Mallia (fol 313). Dan qal li kien iwassal xi karti, mogħtija lilu mill-Iswallow Ltd lill-ADT. Huwa ma kienx jaf kif kien jinġieb dan iċ-ċertifikat tat-test tat-teorija. Ħafna mix-xogħol kien isir bil-bieb magħluq. Iżda kien jaf li kien hemm min iġib it-test tat-teorija bil-ħlas biss. Ċerta dettalji kien jafhom għax kien semagħhom darba jitkellmu.[4]
Darba minnhom sema' lil Saviour Abela jgħid li kien ġej l-imputat sabiex jirranġaw xi affarijeit fuq il-liċenzji. (fol 318).

(12) Clint Cassar (fol 320) li qal li ma kienx għamel it-test tat-teorija għax kien naqra tqil. Huwa ma kienx għadda xi flus barranin.

(13) Matthew Vella (fol 328) 22 ta' Frar 2010. Dan ix-xhud qal li kien tressaq il-Qorti għax kien ħallas xi flus biex iġib il-liċenzja. L-eżami tat-teorija ma kienx għamlu. Kien ipprova u m'għaddiex. Huwa kien qabad xi ħamsin lira Maltija u tahom lill-imputat biex jixrob.[5] A fol 331 ix-xhud, wara li kien magħfus mill-Qorti, qal li l-flus kien tahom lill-appellant biex jikseb iċ-ċertifikat tad-driving. Ir-riżultat tat-teorija kien wasallu bil-posta. Huwa ma kienx għamel domandi lill-imputat dwar l-eżami tat-teorija. Lanqas biss kien jaf min bagħathulu.

(14) Dion Barbara (fol 336 22 ta' Frar 2010) li huwa r-rappreżentant tat-Theory Centre. Huwa qal li l-kandidati li

[4] Ara fol 317.
[5] A fol 330 ix-xhud kien imwissi mill-Qorti biex jgħid il-verita'.

l-Prosekuzzjoni talbet informazzjoni fuqhom ma kinux għaddew mill-eżami. Dawn kienu John Paul Chetcuti, Matthew Vella, Fiona Cassar, Christian Mallia,[6] Clint Buttigieg [7] u Agius Aaron. Il-ħlas sabeix wieħed jagħmel it-test kien ta' €30.25. Biex tgħaddi mill-eżami trid iġġib 80 marka. (Ara dokument a fol 340).

(15) Danilo Bezzina (349). Ix-xhud qal li xogħol tiegħu kien fuq il-counter jilqa' lill-pubbliku. Huwa kien jagħi l-applikazzjoni, l-individwu jimliha u imbagħad huwa jaċċettaha.
It-test tat-teorija kien isir f'ċentru differenti minn tagħhom. Ħadd ma kien qallu li ċerti ċertiikfati kienu ħżiena għax ma kinux l-oriġinali. Huwa ma kienx jaf li dawn iċ-ċertifikati kienu foloz. Dawk li ma kinux jafu jiktbu jew jaqraw kien jgħinhom u dawn kienu jagħtuh xi ħaġa tips bħal, per eżempju, xi żewġ liri jew xi ħames liri Maltin. Kien l-imputat li kien jgħaddilu photocopies taċ-ċertifikati. Huwa kien jaċċettahom għaliex fl-aħħar kien jagħtih xi żewġ liri jew xi ħames liri għal kull ċertifikat li kien jgħaddilu. In-numru ta' każi kien bejn għaxra u għoxrin.

(16) Joseph Caruana id-direttur tal-Licensing and Testing Directorate (fol 357). Dan ix-xhud qal li kien sar audit u nstabet diskrepanza fejn kellu x'jaqsam it-Theory Driving Test. Għall-ewwel in-numru kien ta' 72 iżda mbagħad in-numru niżel għal 14. (fol 358). Imbagħad għaddew il-każ lill-Pulizija. Meta sar l-eżerċizzju huwa ma kienx daħal fid-dettal dwar ta' liema skola kienu dawn il-każijiet u ħalla kollox f'idejn il-pulizija. (Ara wkoll iud-dokument JC 1 a fol 361).

(17) Aaron Agius (fol 365 29 ta' Marzu 2010). Dan ix-xhud qal li ma kienx mar għat-test u xorta ġab iċ-ċertifikat. Kien ċempillu l-imputat u mar għat-test tas-sewqan. Lill-imputat kien qallu li ma jafx jaqra u jikteb. L-imputat ma kienx talbu flus. Hu kien talab lill-imputat jagħmillu pjaċir u jġiblu ċ-ċertifikat tat-teorija (fol 358).

[6] Dan imbagħad ġab 91 u għadda.
[7] Dan ukoll ġab 91 u għadda.

**Proċedura**

L-Avukat Ġenerali bagħat la-rtikoliu fit-3 ta' Mejju 2010 (fol 371) li nqraw fil-21 ta' Lulju 2010. L-imputat stqarr li ma kellux oġġezzjoni li jkun iġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati. (fol 373). Il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi.

Quddiem il-Maġistrat (illum imħallef) Dr Jacqueline Padovani Grima, l-imputat għażel li ma jixhidx u ddikjara li d-difiża ma kellhiex provi x'tipproduċi.

Fis-16 ta' Ġunju 2011, l-imputat assistit mill-avukat difensur tiegħu ammetta l-akkużi miġjuba kontrih. Wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsiba, il-Qorti tat żmien lill-imputat sabiex jerġa' jaħsiba. L-imputat reġa' ammetta.

Saret ukoll it-trattazzjoni (fol 391 sa 393).

Fis-17 t'Ottubru 2011, il-kawża kienet differita għat-13 ta' Frar 2012.

Fit-13 ta' Frar 2012, il-kawża kienet differita għal 21 ta' Mejju 2012 għas-sentenza.

Fis-6 ta' Lulju 2012, il-każ kien deċiż mill-Maġistrat Dr Carol Peralta.

Is-sentenza għamlet riflessjoni għall-ammissjoni tal-imputat u imponiet piena li tikkorrispondi għal dik li kienet issemmiet waqt it-trattazzjoni.

Il-Qorti għamlet rassenja sħiħa tax-xhieda u tad-dokumenti sabiex tkun żgura li x-xhieda kollha hija rreġistrata u hemm irreġistrati wkoll il-kontro-eżamijiet. Fejn ġudikant ried jeżerċita xi forma ta' mkontroll fuq dak li kien ingħad hemm l-istqarrijiet ta' diversi xhieda.

Fil-fehma tal-Qorti, meta nbidel il-ġudikant kien hemm kumpilazzjoni tax-xhieda u tad-dokumenti kollha li fuqhom il-ġudikant li ta s-sentenza seta' jagħmel dan bis-serenita' kollha. Hemm dettalji siewja ta' meta l-Qorti u l-

Prosekuzzjoni intervenew sabiex jikkontrollaw xhieda li dehru li ma kinux qed ikun sinċieri biżżejjed. Ix-xhieda kienet irreġistrata direttament fir-recorder u għalhekk lanqas hemm xi dubju dwar xi interferenza li setgħet saret li kieku l-Maġistrat kienet qed tagħmel xi sommarju ta' dak li jkun qal ix-xhud.

Barra dan, f'dan il-każ, għandna ammissjoni mill-imputat. **Fir-rikors promotorju tal-appell lanqas hemm biss referenza għal din l-ammissjoni**. L-imputat seta', jekk xtaq talab lill-Qorti terġa' tisma' xi xhud partikolari iżda dan m'għamlux. U kien hemm żmien biex dan isir jekk wieħed iqis li hwua ammetta l-imputazzjonijiet kollha fis-16 ta' Ġunju 2010 u s-sentenza ngħatat fis-6 ta' Lulju 2012 – jiġifieri laħqu għaddew sena u tliet ġimgħat minn wara l-ammissjoni. Sat -13 ta' Frar 2012, kienet għadha tippresiedi l-istess Maġistrat u bejn dak id-differiment u s-6 ta'Lulju, 2012 ma sar ebda rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minħabba l-bidla fil-Maġistrat. Għalhekk l-appellant kien akkwijexxa mal-istat tal-proċess kif kien. Huwa kien preżenti għat-trattazzjoni, kien jaf sew x'intqal u x'kienet qed titlob il-prosekuzzjoni.

Il-Qorti qed tagħmel differenza bejn bdil fil-Maġistrat f'kawżi fejn (i) ma jkunux qed jiġu rreġistrati x-xhieda u hemm kwistjoni amministrattiva biss, (ii) bdil f'kawżi fejn x-xhieda ma tkunx qed tiġi irreġistrata u hemm punti fattwali [8] u (iii) kawżi fejn ix-xhieda tkun ġiet reġistrata kollha. [9] Huwa f'kawżi li jaqgħu taħt it-tieni kategorija biss li l-Qorti laqgħet talba għat-taħsir tas-sentenza minħabba li l-Qorti ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha xhieda reġistrata ta' dak li jkunu ddiponew xhieda li nstemgħu minn maġistrat ieħor. Huwa tassew li l-appellant irrefera għal ġurisprudenza dwar dan il-punt. Iżda ma jfissirx li l-ġurisprudenza tista' tibqa' ankrata fuq il-passat speċjalment meta llum hawn apparat li jista' jagħti x-xenarju ta' x'ġara waqt proċess b'mod mill-aktar ċar.

## Konklużjoni

[8] Ara ż-żewġ sentenzi Il-Pulizija versus Paul Borg et tal-21 ta' Mejju 2013 (Qorti tal-Appell Kriminali ).
[9] Il-Pulizija vs Emanuel Debrincat 30 ta' Marzu 2013.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fis—6 ta' Lulju, 2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Ludgardo sive Richard Attard fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------